# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 01

Data tal-laqgħa: 3 ta' Lulju, 2024

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 3 ta' Lulju 2024 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helen Gauci |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Mariah Meli<br>Christopher Fenech<br>Marilena Hassan |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**01/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**01/01/01** Ma kienx hemm.

**01/02 Dikjarazzjoni tal-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku**

**01/02/01** Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kunsilliera Helen Gauci jekk kinitx se taċċetta l-kariga ta' Sindku. Hija qablet u għaldaqstant aċċettat din il-kariga. Minn dan il-punt 'il quddiem hija mexxiet s-seduta.

**01/03 Dikjarazzjoni tal-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi Sindku**

**01/03/01** Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kunsilliera Francesca Attard jekk kinitx se taċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku. Hija qablet u għaldaqstant aċċettat din il-kariga.

**01/04 Il-laqgħat tal-Kunsill**

**01/04/01** Kien hemm qbil unanimu li m'għandiex tinżamm ġurnata in partikolari għal-laqgħa tal-Kunsill. Kien hemm qbil li possibbilment il-laqgħa għandha tinżamm fil-5:30pm.

**01/05 Assenjazzjoni ta' responsabbiltajiet tal-membri tal-Kunsill**

**01/05/01** Is-Sindku stqarret li responsabbiltajiet ser ikunu mqassma kif jidher fit-tabella.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

| | |
|---|---|
| Helen Gauci | Proġetti, Qasam Soċjali, Strateġija u Policy, Patt tas-Sindki, Ambjent u l-Ippjanar, Amministrazzjoni ta' propjetà devoluta, Kuntratti, Ordni pubblika, Finanzi u Rappreżentat fuq il-Kumitat Regjonali. |
| Francesca Attard | Anzjani, Kultura, Edukazzjoni, Komunitajiet u l-għaqdiet, Żgħażagħ u Attivitajiet. |
| Mariah Meli | L-Indafa, Sports u Attivitajiet Fiżiċi, Saħħa, Familja, Persuni bi bżonnijiet speċjali, E-government u Programmi UE. |
| Christopher Fenech | Ġonna Pubbliċi, Servizzi, Transport Pubbliku, Tabelli u l-Infrastruttura, Traffiku, Latrina Pubblika u l-Ambjent |
| Marilena Hassan | Tfal, Bye-laws, Ħarsien tal-Annimali, Innovazzjoni u l-Integrazzjoni Soċjali |

**01/06** **Kunsiderazzjoni għall-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**01/06/01** Is-Sindku ipproponiet sabiex nipproponu lis-Sa. Jeanette Galea li tista' taqdi l-funzjoni tajjeb sakemm jinħarġu s-sejħiet ta' Segretarji Eżekuttivi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**01/07** **Sejħa għall-Assistant Prinċipal**

**01/07/01** Kien hemm qbil unanimu li tinħareġ sejħa interna għal Assistant Prinċipal.

**01/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**01/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-5:50p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 24 ta' Lulju 2024 fil-5:30p.m.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Helen Gauci**<br>**Sindku** | **Maria Tanti**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |